

Brussell, 14 ta' Lulju 2020
(OR. en)

9654/20

AGRI 210
AGRIORG 55
AGRIFIN 61
DELECT 87

NOTA TA' TRASMISSJONI

| | |
|-------------------|--|
| minn: | Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur |
| data meta waslet: | 14 ta' Lulju 2020 |
| lil: | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | C(2020) 4688 final |
| Suġġett: | REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta' 14.7.2020 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tad-depożitu u r-rilaxx ta' garanziji fl-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji bbażati fuq l-ordni kronoloġika tas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument C(2020) 4688 final.

Mehmuż: C(2020) 4688 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 14.7.2020
C(2020) 4688 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 14.7.2020

li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tad-depożitu u r-rilaxx ta' garanziji fl-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji bbażati fuq l-ordni kronoloġika tas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAR-REGOLAMENT DELEGAT

Ir-riforma tal-2013 tal-Politika Agrikola Komuni (PAK) ikkonfermat li s-sistema ta' ġestjoni tal-kwoti tariffarji agrikoli skont l-ordni kronoloġika tas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet (il-prinċipju ta' "min jiġi l-ewwel, jinqeda l-ewwel"), jenħtieġ li tkompli tapplika.

Il-kwoti tariffarji jirriżultaw jew minn ftehimiet internazzjonali jew minn atti awtonomi bbażati fuq l-Artikolu 207 tat-TFUE. Il-ġestjoni interna tal-Unjoni ta' dawn il-kwoti tirrikjedi regoli li huma speċifiċi u komplementari għar-regoli eżistenti, b'mod partikolari r-Regolamenti Delegati (UE) Nru 907/2014 u (UE) 2015/2446 (il-Kodiċi Doganali tal-Unjoni).

Ir-Regolament Delegat jikkomplementa r-regoli stabbiliti fl-Artikolu 184 u huwa bbażat fuq l-Artikolu 186 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 (OKS). Dan ikopri oġġetti li kienu stabbiliti qabel f'31 Regolament tal-Kummissjoni.

Xi wħud mir-regoli ġenerali dwar il-kwoti tariffarji stabbiliti qabel ir-riforma tal-2013 ma ġewx aġġornati. Għalhekk, xi wħud minn dawn id-dispożizzjonijiet jeħtieġ li jiġu ssostitwiti b'regoli aktar sempliċi li jkunu allinjati mar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

Barra minn hekk, dan ir-regolament jimplimenta t-trasferiment, diġà stabbilit mir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/760, tal-ġestjoni tal-kwoti tariffarji li ġejjin, mhux użati biżżejjed mis-sistema attwali b'liċenzji għall-ġestjoni tal-kwota "min jiġi l-ewwel, jinqeda l-ewwel": 09.4020, 09.4057, 09.4058, 09.4203, 09.4460, 09.4015, 09.4091, 09.4261, 09.4262, 09.4421, 09.4079, 09.4152, 09.4517, 09.4126, 09.4590, 09.4591, 09.4592, 09.4593, 09.4594, 09.4596, 09.4599.

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAR-REGOLAMENT

Il-Kummissjoni ddiskutiet l-abbozz tar-Regolament Delegat mal-esperti maħturin mill-Istati Membri fil-qafas tal-Grupp ta' Esperti tal-OKS u qieset l-opinjoni tagħhom. B'mod parallel, il-Kummissjoni kellha seduti ta' smiġħ mal-partijiet ikkonċernati u l-mekkaniżmu ta' feedback skont il-Qafas għal Regolamentazzjoni Aħjar seħħ bejn il-11 ta' Mejju sat-8 ta' Ġunju 2020.

Waqt il-mekkaniżmu ta' feedback, wasal kontribut wieħed dwar is-settur taċ-ċanga u tal-vitella li staqsa għalfejn xi kwoti tariffarji fuq il-prodotti agrikoli ġestiti bil-prinċipju ta' "min jiġi l-ewwel, jinqeda l-ewwel" ma kinux koperti mill-abbozz tar-regolament. Kif ġie stabbilit fil-paragrafu 3 tal-punt 1 tal-Memorandum ta' Spjegazzjoni, dan ir-regolament delegat jikkomplementa r-regoli stabbiliti fl-Artikolu 184 u huwa bbażat fuq l-Artikolu 186 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 (OKS). Għalhekk ikopri l-kwoti tariffarji "min jiġi l-ewwel, jinqeda l-ewwel" li għandhom il-bażi legali tagħhom fir-Regolament dwar l-OKS (UE) Nru 1308/2013; huma r-regolamenti tal-Kummissjoni li fihom dispożizzjonijiet fuq kwoti tariffarji bħal dawn li se jitħassru; it-tħassir ma jikkonċernax il-kwoti tariffarji b'bażi legali xi mkien ieħor eż. fir-Regolament li jstabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (UE) Nru 952/2013.

L-esperti tal-Parlament Ewropew ġew infurmati dwar id-diskussjonijiet u ġew mistiedna għal-laqgħat kollha tal-Grupp ta' Esperti tal-OKS.

3. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAR-REGOLAMENT DELEGAT

Ir-Regolament Delegat jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 fir-rigward tal-ġestjoni tal-kwoti tariffarji. Ir-Regolament Delegat huwa bbażat fuq ir-Regolament (UE)

Nru 1308/2013, b'mod partikolari fuq l-Artikolu 186 tiegħu u fuq ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013, b'mod partikolari fuq l-Artikolu 66 tiegħu.

Dan ir-Regolament Delegat fih dispożizzjonijiet dwar il-garanziji, li huma meħtieġa mill-operaturi biex jiġi żgurat li ċerti prodotti jiġu importati u ma jiġux iddevjati mill-użu preskritt tagħhom, jew jiddevjaw minn ċerti standards ta' kwalità.

Billi l-garanziji koperti b'dan ir-Regolament għandhom kamp ta' applikazzjoni usa' (jiġifieri, biex jiżguraw li jiġiharsu ċerti rekwiżiti relatati mal-ipproċessar, mal-użu finali, u mal-istandards ta' kwalità tal-prodotti kif ukoll mal-qtil u mat-tismin tal-annimali) u l-bażi legali tagħhom hija differenti, l-awtorità kompetenti tal-Istati Membri li għandha tiġġestihom mhijiex imsemmija fir-Regolament Delegat. Qed titħalla f'idejn l-Istati Membri biex taħtar awtorità kompetenti biex tiġġestihom.

Barra minn hekk, ir-Regolament Delegat iħassar ir-Regolamenti tal-Kummissjoni eżistenti dwar il-kwoti tariffarji fuq prodotti agrikoli li huma ġestiti bil-prinċipju ta' "min jiġi l-ewwel, jinqeda l-ewwel".

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 14.7.2020

li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tad-depożitu u r-rilaxx ta' garanziji fl-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji bbażati fuq l-ordni kronoloġika tas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 186 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008², u b'mod partikolari l-Artikolu 66(3) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 jistipula regoli dwar il-ġestjoni tal-kwoti tariffarji u t-trattament speċjali tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi. Dan jagħti wkoll is-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta atti delegati u ta' implimentazzjoni relatati, sabiex tiġi żgurata l-ġestjoni bla xkiel tal-kwoti tariffarji.
- (2) Fl-interess tas-simplifikazzjoni amministrattiva, il-kwoti tariffarji mhux użati biżżejjed għall-prodotti agrikoli huma ġestiti skont il-prinċipju ta' "min jiġi l-ewwel, jinqeda l-ewwel" f'konformità mal-Artikoli 49 sa 54 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447³, li jirregolaw il-ġestjoni tal-kwoti tariffarji mfassla biex jintużaw skont l-ordni kronoloġika tad-dati ta' aċċettazzjoni tad-dikjarazzjonijiet doganali.
- (3) Jenħtieġ li jiġi pprovdut li l-parteċipazzjoni f'dawk il-kwoti tariffarji tista' tkun soġġetta għad-depożitu ta' garanzija biex jiġi żgurat li jkun hemm konformità ma' ċerti rekwiżiti relatati mal-ipproċessar, l-użu finali, l-istandards tal-kwalità tal-prodotti kif ukoll il-qtil u t-tismin tal-annimali. Dawk ir-rekwiżiti huma stipulati fid-dettall għal kull waħda mill-kwoti tariffarji kkonċernati f'att ta' implimentazzjoni adottat skont l-Artikolu 187 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

¹ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.

² ĠU L 347, 20.12.2013, p. 549.

³ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 tal-24 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 343, 29.12.2015, p. 558).

- (4) Sabiex jiġu ssimplifikati l-proċedura u l-leġiżlazzjoni, huwa xieraq li r-regoli eżistenti għall-ġestjoni tal-kwoti tariffarji amministrati bl-applikazzjoni tal-metodu bbażat fuq il-prinċipju ta' "min jiġi l-ewwel, jinqeda l-ewwel" li jinsab f'diversi atti tal-Unjoni, jiġu sostitwiti b'att wieħed. Għaldaqstant, ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 440/96⁴, (KE) Nru 1831/96⁵, (KE) Nru 2133/2001⁶, (KE) Nru 2094/2004⁷, (KE) Nru 937/2006⁸, (KE) Nru 437/2009⁹, (KE) Nru 438/2009¹⁰, (KE) Nru 933/2009¹¹, (KE) Nru 1064/2009¹², (UE) Nru 1085/2010¹³ u (UE) Nru 59/2011¹⁴ u r-Regolamenti ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1354/2011¹⁵, (UE) Nru 481/2012¹⁶, (UE) Nru 988/2014¹⁷, (UE) Nru 989/2014¹⁸, (UE) Nru 1233/2014¹⁹, (UE) 2015/2405²⁰, (UE) 2017/1466²¹ u (UE) 2018/567²² jenħtieġ li jiġihassru.

⁴ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 440/96 tal-11 ta' Marzu 1996 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwoti ta' tariffi għal xi taħlitiet ta' żraġen tal-malt u eżamijiet tax-xgħir (ĠU L 61, 12.3.1996, p. 2).

⁵ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1831/96 tat-23 ta' Settembru 1996 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwoti ta' tariffi tal-Komunità stabbiliti taħt il-GATT għal ċerti frott u ħxejjex u frott ipproċessat u prodotti veġetali mill-1996 (ĠU L 243, 24.9.1996, p. 5).

⁶ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2133/2001 tat-30 ta' Ottubru 2001 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' ċerti kwoti tat-tariffa tal-Komunità u limiti tat-tariffa fis-settur taċ-ċereali u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1897/94, (KE) Nru 306/96, (KE) Nru 1827/96, (KE) Nru 1970/96, (KE) Nru 1405/97, (KE) Nru 1406/97, (KE) Nru 2492/98, (KE) Nru 2809/98 u (KE) Nru 778/1999 (ĠU L 287, 31.10.2001, p. 12).

⁷ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2094/2004 tat-8 ta' Diċembru 2004 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwota tariffarja ta' 10 000 tonnelli ta' qamħ tal-ħafur maħdum xort'oħra tal-kodiċi NM 11042298 (ĠU L 362, 9.12.2004, p. 12).

⁸ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 937/2006 tat-23 ta' Ġunju 2006 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwota tariffarja Komunitarja ta' gluten tal-qamħ li joriġina mill-Istati Uniti tal-Amerika (ĠU L 172, 24.6.2006, p. 9).

⁹ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 437/2009 tas-26 ta' Mejju 2009 li jiftaħ u jipprovdi għall-ġestjoni ta' kwota tariffarja Komunitarja għall-importazzjoni ta' annimali bovini maskili ta' età żgħira maħsuba għat-tismin (ĠU L 128, 27.5.2009, p. 54).

¹⁰ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 438/2009 tas-26 ta' Mejju 2009 li jiftaħ u jipprovdi għall-ġestjoni ta' kwoti tariffarji Komunitarji għal barrin, baqar u erieħ, għajr dawk maħsuba għat-tbiċċir, ta' ċerti razez alpini u tal-muntanji (ĠU L 128, 27.5.2009, p. 57).

¹¹ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 933/2009 tas-6 ta' Ottubru 2009 li jistabbilixxi r-regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 779/98 rigward il-ftuħ u l-ġestjoni ta' ċerti kwoti li jirrigwardaw l-importazzjoni fil-Komunità ta' prodotti tas-settur tal-laħam tat-tjur li joriġinaw fit-Turkija (ĠU L 263, 7.10.2009, p. 9).

¹² Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1064/2009 tal-4 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi kwota tariffarja Komunitarja u mod għall-ġestjoni tagħha għall-importazzjoni tax-xgħir tal-maltu minn pajjiżi terzi (ĠU L 291, 7.11.2009, p. 14).

¹³ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1085/2010 tal-25 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi kwoti tariffarji annwali u mod għall-ġestjoni tagħhom għall-importazzjoni tal-patata ħelwa, tal-manjoka, tal-lamtu tal-manjoka u ta' prodotti oħra rilevanti għal kodiċijiet NM 07149011 u NM 07149019 u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1000/2010 (ĠU L 310, 26.11.2010, p. 3).

¹⁴ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 59/2011 tal-25 ta' Jannar 2011 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni tal-kwoti tariffarji tal-Unjoni għall-inbejjeġ li joriġinaw fir-Repubblika tas-Serbja (ĠU L 22, 26.1.2011, p. 1).

¹⁵ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1354/2011 tal-20 ta' Diċembru 2011 li jiftaħ il-kwoti tariffarji tal-Unjoni għan-nagħaġ, għall-mogħoż, għal-laħam tan-nagħaġ u għal-laħam tal-mogħoż (ĠU L 338, 21.12.2011, p. 36).

¹⁶ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 481/2012 tas-7 ta' Ġunju 2012 li jistipula regoli għall-ġestjoni ta' kwota tariffarja għal ċanga ta' kwalità għolja (ĠU L 148, 8.6.2012, p. 9).

¹⁷ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 988/2014 tat-18 ta' Settembru 2014 li jiftaħ u jipprevedi l-ġestjoni tal-kwoti tariffarji tal-Unjoni għal prodotti agrikoli li joriġinaw fir-Repubblika tal-Moldova (ĠU L 278, 20.9.2014, p. 12).

¹⁸ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 989/2014 tad-19 ta' Settembru 2014 li jiftaħ u jipprevedi l-ġestjoni tal-kwoti tariffarji tal-Unjoni għall-prodotti agrikoli li joriġinaw fil-Ġeorġja (ĠU L 278, 20.9.2014, p. 16).

- (5) Sabiex tiġi żgurata tranżizzjoni bla xkiel għar-regoli previsti f'dan ir-Regolament u biex jiġi ssodisfat l-obbligu li r-regoli l-ġodda jiġu nnotifikati lill-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ qabel l-applikazzjoni tagħhom, huwa xieraq li l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tiġi differita għall-perjodi tal-kwoti tariffarji li jibdew mill-1 ta' Jannar 2021 'il quddiem,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Kamp ta' applikazzjoni

Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli li jissupplimentaw ir-Regolamenti (UE) Nru 1308/2013 u (UE) Nru 1306/2013 fir-rigward tad-depożitu u r-rilaxx ta' garanziji fl-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji bbażati fuq l-ordni kronoloġika tas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet.

Artikolu 2

Depożitu ta' garanzija

L-eliġibbiltà għad-dazju tal-importazzjoni mnaqqas skont kwota tariffarja bbażata fuq l-ordni kronoloġika tas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet tista' tkun soġġetta għad-depożitu ta' garanzija mal-awtoritajiet kompetenti.

L-operaturi għandhom jiddepożitaw il-garanzija fil-mument meta jissottomettu applikazzjoni għal awtorizzazzjoni għal użu finali f'konformità mal-Artikolu 211 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²³, jew meta jiddepożitaw id-dikjarazzjoni doganali għar-rilaxx għal ċirkolazzjoni libera tal-merkanzija, skont il-każ.

Ir-rata tal-kambju għandha tiġi stabbilita f'konformità mal-Artikolu 106 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013.

Artikolu 3

Rilaxx u telf tal-garanziji

1. Il-garanzija għandha tiġi rilaxxata minnufih ladarba l-awtorità kompetenti tkun irċeviet il-prova sodisfaċenti li r-rekwiżiti marbuta ma' dik il-garanzija huma ssodisfati.
2. Meta r-rekwiżiti rilevanti ma jiġux issodisfati kompletament, il-garanzija għandha tiġi rilaxxata b'mod proporzjonat mal-kwantità li għaliha r-rekwiżiti jkunu ġew issodisfati. L-

¹⁹ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1233/2014 tat-18 ta' Novembru 2014 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2597/2001 li jiftaħ u jipprovdni għall-ġestjoni tal-kwoti tariffarji Komunitarji għal ċerti nbejjed li joriġinaw fir-Repubblika tal-Kroazja u f'dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja (ĠU L 332, 19.11.2014, p. 11).

²⁰ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2405 tat-18 ta' Diċembru 2015 li jiftaħ u jipprevedi l-ġestjoni tal-kwoti tariffarji tal-UE għall-prodotti agrikoli li joriġinaw fl-Ukrajna (ĠU L 333, 19.12.2015, p. 89).

²¹ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1466 tal-11 ta' Awwissu 2017 li jiftaħ u li jipprovdni għall-amministrazzjoni ta' kwoti tat-tariffi Komunitarji għall-inbejjed li joriġinaw mill-Kosovo (ĠU L 209, 12.8.2017, p. 8).

²² Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/567 tat-12 ta' April 2018 li jiftaħ u li jipprovdni għall-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji fuq l-importazzjoni taz-zalzett u tal-laħam tal-majjal li joriġinaw mill-Iżlanda (ĠU L 95, 13.4.2018, p. 11).

²³ Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1).

ammont tal-garanzija li ma jġix rilaxxat għandu jintilef f'konformità mal-Artikolu 24 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 907/2014²⁴.

Artikolu 4

Tħassir

Ir-Regolamenti (KE) Nru 440/96, (KE) Nru 1831/96, (KE) Nru 2133/2001, (KE) Nru 2094/2004, (KE) Nru 937/2006, (KE) Nru 437/2009, (KE) Nru 438/2009, (KE) Nru 933/2009, (KE) Nru 1064/2009, (UE) Nru 1085/2010 u (UE) Nru 59/2011 u r-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1354/2011, (UE) Nru 481/2012, (UE) Nru 988/2014, (UE) Nru 989/2014, (UE) Nru 1233/2014, (UE) 2015/2405, (UE) 2017/1466 u (UE) 2018/567 jitħassru b'effett mill-1 ta' Jannar 2021.

Madankollu, għandhom jibqgħu japplikaw għall-perjodi tal-kwoti tariffarji li jkunu għadhom ma ntemmewx f'dik id-data.

Artikolu 5

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu japplika għall-perjodi tal-kwoti tariffarji mill-1 ta' Jannar 2021 'il quddiem. Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 14.7.2020

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN

²⁴ Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 907/2014 tal-11 ta' Marzu 2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-aġenziji tal-pagamenti u korpi oħra, il-ġestjoni finanzjarja, l-approvazzjoni tal-kontijiet, il-garanziji u l-użu tal-euro (ĠU L 255, 28.8.2014, p. 18).